



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.5.2020  
C(2020) 2800 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-  
ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal- ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

#### I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu kemm fl-UE kif ukoll globalment. Għandu jkun hemm tolleranza żero għall-flus illeċiti fl-Unjoni Ewropea. Iż-żieda reċenti fl-attivitàjiet kriminali fil-kuntest tal-pandemija COVID-19<sup>1</sup> hija tfakkira li l-kriminali se jisfruttaw it-toroq possibbli kollha biex iwettqu l-attivitàjiet illeċiti tagħhom għad-detriment tas-soċjetà. Jeħtieġ li l-UE tkun determinata b'mod ugwali biex jiġi żgurat li ma jibbenefikawx mir-rikavati ta' dawn id-delitti.

Fuq perjodu ta' tletin sena, l-UE żviluppat qafas regolatorju solidu għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, sostnut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE<sup>2</sup>. Ir-regoli tal-UE huma estensivi u jmorru lil hinn mill-istandards internazzjonali adottati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF)<sup>3</sup>. L-ambitu tal-impriżi u l-professjonijiet soġġetti għal dawn ir-regoli kiber b'mod regolari.

Żviluppi reċenti fil-leġiżlazzjoni kellhom l-għan li jsaħħu l-qafas tal-UE kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Dawn jinkludu emendi għar-raba' Direttiva kontra l-ħasil tal-flus (4AMLD) introdotti mill-ħames Direttiva kontra l-ħasil tal-flus (5AMLD)<sup>4</sup>, mandat aġġornat għall-Awtorità Bankarja Ewropea<sup>5</sup>, dispożizzjonijiet

---

<sup>1</sup> Europol, "Pandemic proteering: how criminals exploit the COVID-19 crisis", Marzu 2020. L-Awtorità Bankarja Ewropea fakkret ukoll lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji dwar l-importanza ta' sistemi u kontrolli effettivi u talbet lill-awtoritajiet kompetenti biex jappoġġjawhom f'dan ir-rigward. Ara "Dikjarazzjoni tal-EBA dwar azzjonijiet biex jitnaqqsu r-riskji tal-kriminalità finanzjarja fil-pandemija COVID-19".

<sup>2</sup> Il-Qorti rrikonossiet li l-għan tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus huwa marbut mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku u jista' jiġġustifika restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattat, inkluż il-moviment liberu tal-kapital. Ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati (ara Jyske Bank Gibraltar, C 212/11 u Lhu Zeng, C-190/17).

<sup>3</sup> L-FATF huwa korp intergovernattiv li jstabilixxi standards u jipromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Il-Kummissjoni, erbatax-il Stat Membru u żewġ Stati EFTA-ŻEE huma membri tal-FATF, filwaqt li tlettax-il Stat Membru huma membri ta' Moneyval, li hija organizzazzjoni reġjonali.

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43–74.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar swieq fi strumenti finanzjarji, ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji jew biex ikejlu l-prestazzjoni ta' fond ta' investment, u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar informazzjoni li takkumpanja t-trasferiment ta' fondi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1–145.

ġodda li se japplikaw għall-kontroll fuq il-flus kontanti<sup>6</sup> minn Ġunju 2021, emendi għad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRDV)<sup>7</sup>, regoli ġodda dwar aċċess għal informazzjoni finanzjarja minn awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi<sup>8</sup> u definizzjoni armonizzata ta' reati u sanzjonijiet relatati mal-ħasil tal-flus<sup>9</sup>.

Barra minn hekk, l-UE stabbiliet reġim komprensiv ġdid ta' protezzjoni tal-informaturi, li għandu jġi traspost sa Diċembru 2021<sup>10</sup>, li jikkomplementa r-regoli eżistenti dwar il-protezzjoni tal-informaturi fil-4AMLD. Ir-reġim il-ġdid se jsaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE li jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw ksur, fost l-oħrajn, kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tar-regoli tat-terroriżmu.

Madankollu, hemm konsensus dejjem jikber li l-qafas jeħtieġ li jittejjeb b'mod sinifikanti. Id-diverġenzi kbar fil-mod kif jġi applikat u d-dgħufijiet serji fl-infurzar tar-regoli jeħtieġ li jiġu indirizzati.

Fil-Komunikazzjoni tagħha *Fit-triq lejn implimentazzjoni aħjar tal-qafas tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu*<sup>11</sup> u r-rapporti ta' akkumpanjament ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata politika komprensiva tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT). Dawn jinkludu implimentazzjoni aħjar tar-regoli eżistenti, ġabra ta' regoli aktar dettaljata u armonizzata, superviżjoni ta' kwalità għolja u konsistenti, inkluż bl-għoti ta' kompiti superviżorji speċifiċi lil korp tal-UE, interkonnessjoni ta' reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji u mekkaniżmu aktar b'saħħtu għall-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-ħidma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIFs).

Din il-fehma hija appoġġata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Fir-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019<sup>12</sup>, il-Parlament Ewropew sejjaħ għal iktar impetu lill-inizjattivi li jistgħu jsaħħu l-azzjonijiet AML/CFT fil-livell tal-UE u għat-traspożizzjoni rapida tar-regoli tal-UE mill-Istati Membri. Fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1672 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew heġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 6–21.

<sup>7</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/878 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' entitajiet eżentati, kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ir-rimunerazzjoni, miżuri u setgħat superviżorji u miżuri ta' konservazzjoni kapitali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 150, 7.6.2019, p. 253–295.

<sup>8</sup> Id-Direttiva (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122–137.

<sup>9</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 284, 12.11.2018, p. 22–30.

<sup>10</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw ksur tad-dritt tal-Unjoni, ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17–56.

<sup>11</sup> COM(2019) 360 final.

<sup>12</sup> Ir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kontra l-ħasil tal-flus (2019/2820 (RS))

Finanzjarji adotta konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet strateġiċi tal-AML/CFT<sup>13</sup>, u stieden lill-Kummissjoni tesplora azzjonijiet li jistgħu jtejbu l-qafas eżistenti.

Il-Kummissjoni bi ħsieba timplimenta politika komprensiva AML/CFT, adattata għal theddid, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi li qed tiffaċċja l-UE bħalissa<sup>14</sup> u mfassla b'tali mod li tkun tista' tevolvi b'mod effiċjenti filwaqt li tqis l-innovazzjoni. Qafas AML/CFT iktar b'saħħtu se jkompli jippromwovi l-integrità tas-sistema finanzjarja tal-UE, li hija neċessarja biex titlesta l-implimentazzjoni tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja.

Soġġett għal valutazzjoni tal-impatt, inkluż tal-impatti fuq id-drittijiet fundamentali, jenħtieġ li tiddaħħal fis-seħħ sistema integrata ta' AML/CFT tal-UE. Filwaqt li tibni fuq l-eżempju tar-riformi introdotti fil-qasam tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni bankarja prudenzjali, is-sistema għandha tkun ibbażata fuq ġabra ta' regoli armonizzati u superviżur fill-livell tal-UE li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bil-ħsieb li tiġi żgurata superviżjoni ta' kwalità għolja u konsistenti madwar is-Suq Uniku. Dan għandu jkun akkumpanjat mit-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' appoġġ u koordinazzjoni tal-UE għall-UIFs, li jtejjeb l-effettività tagħhom u bl-interkonnnessjoni tar-reġistri nazzjonali ċentralizzati tal-kontijiet bankarji, li se jħaffu l-aċċess transfruntier għall-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi u l-UIFs għall-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji.

Dan il-pjan ta' azzjoni jiddeskrivi kif il-Kummissjoni biħsiebha twettaq dawn l-għanijiet, u jibni fuq sitt pilastr:

- Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas eżistenti tal-UE fil-qasam AML/CFT;
- Tistabbilixxi ġabra unika ta' regoli tal-UE dwar AML/CFT;
- Iddaħħal fis-seħħ superviżjoni AML/CFT fil-livell tal-UE;
- Tistabbilixxi mekkaniżmu ta' appoġġ u kooperazzjoni għall-UIFs;
- Teżegwixxi dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali u skambju tal-informazzjoni fil-livell tal-Unjoni
- Issaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-qafas eżistenti tal-UE fil-qasam AML/CFT.

## ***II. TIĠI ŻGURATA L-IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA TAL-QAFAS EŻISTENTI TAL-UE FIL-QASAM AML/CFT***

L-ewwel prijorità hija li jiġi żgurat li r-regoli AML/CFT tal-UE jiġu implimentati b'mod rigoruż u effettiv mill-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-entitajiet obbligati. Dan jeħtieġ azzjoni minn diversi lati.

### *Tiġi żgurata t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-AMLD*

Fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-4AMLD, il-Kummissjoni nediet proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri kollha għal nuqqas ta' traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva. Bosta Stati

<sup>13</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (14823/19)

<sup>14</sup> Kif enfasizzat fil-valutazzjoni tar-riskju supranazzjonali l-iktar reċenti tal-Unjoni, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati mal-attivitajiet transfruntiera, COM(2019) 370 final.

Membri wieġbu għal ksur bħal dan billi adottaw liġijiet ġodda, li wasslu għall-għeluq tal-proċedimenti ta' ksur relevanti. Ksur kontra Stati Membri oħra għadu għaddej. Studju ta' valutazzjoni tal-applikazzjoni effettiva tal-4AMLD fl-Istati Membri se jkun lest sa nofs l-2021 u se jikkontribwixxi għar-Rapport li l-Kummissjoni għandha tippreżenta dwar l-applikazzjoni effettiva tal-4AMLD<sup>15</sup>.

Fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-5AMLD, li kienet dovuta sal-10 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni diġà nediet għadd ta' proċedimenti ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li naqsu milli jinnotifikaw kwalunkwe miżura ta' traspożizzjoni. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kontijiet tal-bank ċentrali u r-reġistri tas-sjeda benefiċjarja mill-Istati Membri sabiex tiżgura li dawn jimplimentaw b'data ta' kwalità għolja.

Il-ħidma dwar l-interkonnessjoni tar-reġistri tas-sjeda benefiċjarja diġà bdiet u l-interkonnessjoni se tkun operattiva fl-2021. Il-Kummissjoni se toħroġ ukoll it-tielet Valutazzjoni tar-Riskju Supranazzjonali (SNRA) fl-2021 sabiex tinforma l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

*Monitoraġġ tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jipprevjenu u jiġġieldu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu*

Il-ħasil tal-flus huwa detrimental mhux biss għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-UE, iżda wkoll għall-ekonomija, għal governanza tajba u għall-fiduċja tal-investituri. Fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tanalizza kif ir-regoli AML/CFT jiġu applikati fil-prattika fl-Istati Membri, li jirriżulta f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-AML/CFT adottati mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi meħtieġa sabiex jingħalqu xi wħud mill-aktar lakuni importanti fis-sistema AML/CFT tal-UE permezz tal-Programm ta' Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali tagħha. Dawn jinkludu nuqqas ta' persunal fl-awtoritajiet kompetenti, nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u mitigazzjoni tar-riskji mill-użu ħażin ta' kumpaniji tal-isem, viżi tad-deheb u skemi ta' ċittadinanza.

*L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)*

Il-mandat tal-EBA dan l-aħħar ġie msaħħaħ permezz tar-Regolament (UE) 2019/2175<sup>16</sup>, li inkariga lill-EBA bir-responsabbiltà li tmexxi, tikkoordina u timmonitorja l-isforzi AML/CFT tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-UE. L-EBA għandha wkoll is-setgħa li tistabbilixxi bażi ta' data AML/CFT madwar l-UE kollha ta' riskji u azzjonijiet superviżorji, twettaq valutazzjonijiet tar-riskju fuq l-awtoritajiet kompetenti u, fejn meħtieġ, titlob lill-awtoritajiet jinvestigaw u jikkunsidraw li jieħdu azzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali. Il-Kummissjoni tistenna li l-EBA tagħmel użu sħiħ mis-setgħat imsaħħa tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-investigazzjoni dwar jekk superviżur nazzjonali kisux id-dritt tal-Unjoni fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. L-EBA diġà bdiet twettaq rieżamijiet tal-implimentazzjoni u ppubblikat l-

---

<sup>15</sup> Art.65(1) 4AMLD

<sup>16</sup> Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

ewwel rapport fi Frar 2020<sup>17</sup>. Dan ir-rapport jindika għadd ta' sfidi u jqis li "l-approċi tal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni AML/CFT tal-banek ma kinux dejjem effettivi".

Kif stabbilit fit-Taqsima IV, l-istabbiliment ta' superviżur fil-livell tal-UE se jżid il-konformità mar-regoli. Ibda biex, dan se jiżgura li tittieħed azzjoni adegwata li tevita l-ħasil tal-flusu li jiġu imposti sanzjonijiet effettivi meta dan ma jkunx jista' jinkiseb.. Is-superviżur il-ġdid fil-livell tal-UE se jiffassal b'tali mod li jiżgura li jkollu l-kompetenzi tal-AML/CFT meħtieġa, il-kapaċità u s-setgħat investigattivi, u l-istruttura tat-teħid tad-deċiżjonijiet biex ir-regoli jiġu implimentati b'mod aktar effettiv u jaġixxu b'mod preventiv kull meta jkun hemm suspetti li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tal-ġabra unika tar-regoli. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ispezzjonijiet fuq il-post biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-qafas AML/CFT fl-Istati Membri se jkun kritiċi biex jinkisbu standards ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tar-regoli AML/CFT u se tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar AML/CFT fit-tieni trimestru tal-2020.

### **III. IL-ĦOLQIEN TA' ĠABRA TA' REGOLI MSAĦĦA**

Il-qafas legali tal-UE huwa estensiv. Huwa espanda b'mod progressiv l-ambitu tal-hekk imsejħa entitajiet<sup>18</sup> marbutin b'obbligu u l-lista ta' reati relatati, poġġa enfasi akbar fuq is-sjieda benefiċjarja u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u neħħa fil-biċċa l-kbira l-ostakoli għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti. Dan il-qafas jipprovdi lill-Istati Membri ambjent regolatorju komprensiv għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Madankollu, l-approċċ attwali għal-leġiżlazzjoni tal-UE wassal għal implimentazzjoni diverġenti tal-qafas madwar l-Istati Membri u, parzjalment, fl-iffissar ta' rekwiżiti addizzjonali li jmorru lil hinn minn dawk implikati mil-liġi tal-UE. Eżempji ta' tali miżuri huma l-identifikazzjoni ta' entitajiet marbutin b'obbligu addizzjonali bħall-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv jew kummerċjanti tad-djamenti, l-ġhoti ta' setgħat lill-UIFs biex jiffriżaw l-assi u l-introduzzjoni ta' limitazzjonijiet għal pagamenti fi flus kontanti<sup>19</sup>. Il-konsegwenza hija xenarju leġiżlattiv frammentat madwar l-UE, li joħloq spejjeż u piżijiet addizzjonali għal dawk li jipprovdu servizzi transfruntiera jew il-ħolqien ta' xiri regolatorju, fejn in-negozji jirreġistraw fejn ir-regoli huma aktar laxki..

In-nuqqas ta' dettall fir-regoli applikabbli u t-tqassim tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-kwistjonijiet transfruntiera jirriżultaw f'interpretazzjonijiet tad-Direttiva li jvarjaw madwar l-Istati Membri. Kooperazzjoni inadegwata fost l-awtoritajiet kompetenti (UIFs, superviżuri, infurzar tal-liġi u awtoritajiet doganali u tat-taxxa), kemm domestikament kif ukoll bejn il-

<sup>17</sup> Rapport tal-EBA dwar l-approċi tal-awtoritajiet kompetenti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tas-superviżjoni kontra t-terroriżmu tal-banek, EBA/Rep/2020/06

<sup>18</sup> Minbarra s-settur finanzjarju, il-professjonisti legali u l-kontabilisti, il-qafas tal-UE japplika wkoll għall-aġenzi tal-proprjetà, is-servizzi tal-logħob tal-azzard, il-persuni li jinnegozjaw f'oġġetti, il-fornituri involuti f'servizzi ta' skambju bejn muniti virtwali u muniti ta' kors legali, fornituri tal-kartieri ta' kustodja, persuni li jinnegozjaw f'xogħlijiet tal-arti.

<sup>19</sup> Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-pagamenti fi flus kontanti, COM(2018) 483 final. Se tiġi esplorata valutazzjoni ulterjuri mmirata fuq din il-kwistjoni matul l-2021.

fruntieri, toħloq lakuni potenzjali li jistgħu jiġu sfruttati minn kriminali. L-awtoritajiet Superviżorji Ewropej innotaw ukoll<sup>20</sup> li d-diverġenzi fl-approċċ regolatorju lejn is-superviżjoni u fl-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jimminaw l-għoti ta' servizzi transfruntiera u jżidu l-ispejjeż għall-impriżi, filwaqt li jdgħajfu l-funzjonament bla xkiel tal-qafas AML/CFT tal-UE. Din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti fil-qasam tal-FinTech, u l-EBA rrakkomandat li l-Kummissjoni tarmonizza r-rekwiżiti li għandhom japplikaw għal dawn id-ditti<sup>21</sup>, meta dawn joħlqu riskji ta' ħasil tal-flus/finanzjament tat-terroriżmu.

Il-leġiżlazzjoni AML/CFT tal-UE teħtieġ li ssir aktar granulari, aktar preċiża u inqas soġġetta għal implimentazzjonijiet diverġenti. Ċerti rekwiżiti addizzjonali imposti mill-Istati Membri meta jittrasponu d-Direttivi dwar l-AML jistgħu madankollu jikkontribwixxu għal qafas AML/CFT aktar b'saħħtu u jistgħu jiġu integrati fil-ġabra ta' regoli futuri tal-UE. Sabiex jiġu limitati d-diverġenzi fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli, ċerti partijiet tal-AMLD għandhom jinbidlu f'dispożizzjonijiet direttament applikabbli stabbiliti f'Regolament. Minn tal-anqas dan għandu jinkludi d-dispożizzjonijiet li jstabbilixxu l-lista tal-entitajiet marbutin b'obbligu, ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta mal-klijent, il-kontrolli interni, l-obbligi ta' rappurtar, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistri tas-sjeda benefiċjarja u l-mekkaniżmi tal-kontijiet tal-bank ċentrali. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll approċċ aktar armonizzat għall-identifikazzjoni ta' persuni esposti politikament. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-effettività tas-sistema billi jiġu pprovduti aktar dettalji dwar l-istruttura u l-kompiti ta' superviżjoni fir-rigward tal-entitajiet obbligati kollha u l-kompiti tal-UIFs (ara t-taqsimiet li jmiss). Sistema integrata ta' AML/CFT tal-UE se tkun teħtieġ ukoll ġabra ta' regoli dettaljati biżżejjed biex tiffaċilita s-superviżjoni diretta.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' regoli speċifiċi, tista' tinkiseb aktar armonizzazzjoni permezz ta' għotjiet ta' setgħa biex jiġu adottati regoli aktar dettaljati permezz ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni biex jadattaw għal sitwazzjonijiet li qed jevolvu.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġi estiż biex jindirizza l-implikazzjonijiet tal-innovazzjoni teknoloġika u l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali. Il-ħidma fil-livell internazzjonali tissuġġerixxi ħtieġa li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' setturi jew entitajiet koperti mir-regoli AML/CFT u li jiġi vvalutat kif għandhom japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' assi virtwali li s'issa mhumiex koperti<sup>22</sup>. Miżuri oħra jistgħu jinkludu l-iffaċilitar tal-użu ta' identifikazzjoni diġitali għall-identifikazzjoni remota ta' klijenti u l-verifika tal-identità tal-klijent kif ukoll l-istabbiliment mill-bogħod ta' relazzjonijiet ta' negozju, jew l-introduzzjoni ta' limitu għal pagamenti kbar fi flus kontanti. Barra minn hekk, interkonnessjoni mal-UE kollha ta' mekkaniżmi ta' kontijiet tal-bank ċentrali hija meħtieġa biex jitħaffef l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-UIF għal informazzjoni finanzjarja u biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera.

---

<sup>20</sup> Opinjoni Konġunta tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej dwar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-settur finanzjarju tal-Unjoni Ewropea, l-4 ta' Ottubru 2019

<sup>21</sup> Rapport tal-EBA dwar impedimenti potenzjali għall-forniment transfruntier ta' servizzi bankarji u ta' pagament, d-29 ta' Ottubru 2019

<sup>22</sup> L-FATF tiddefinixxi assi virtwali bħala rappreżentazzjonijiet diġitali ta' valur li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod diġitali, jew trasferiti, u li jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' pagament jew investiment. L-assi virtwali ma jinkludux rappreżentazzjonijiet diġitali ta' muniti ta' kors legali, titoli u assi finanzjarji oħra diġà koperti mill-istandards tagħha.

Minħabba ż-żieda fil-kriminalità finanzjarja u l-frodi relatati maċ-ċibernetika b'mod partikolari, jistgħu jiġu kkunsidrati dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-iffriżar amministrattiv għall-UIFs u li jobbligaw lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex isegwu u jwettqu talbiet għall-irtirar. Hemm riskji ulterjuri minn skemi ta' ċittadinanza b'investiment u ta' residenza. Se jkollha tingħata konsiderazzjoni xierqa dwar kif dawn ir-riskji jistgħu jiġu mitigati. Għandhom jitqiesu wkoll setturi riskjużi identifikati permezz tal-eżerċizzju tal-SNRA.

Filwaqt li ssir ħidma fuq l-introduzzjoni ta' tali miżuri ġodda, se jkun importanti li l-piżijiet finanzjarji u amministrattivi addizzjonali għall-Istati Membri u l-entitajiet obligati jinżammu fl-anqas livell possibbli, u li jiġi segwit approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

Meta ġew ikkonfrontati b'pieni akbar għal nuqqasijiet AML/CFT, l-entitajiet marbutin b'obbligu fittxew modi biex isaħħu l-konformità, mill-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali u l-istabbiliment ta' programmi ta' rimedju estensiv, għar-reviżjoni b'mod radikali tal-mudelli kummerċjali tagħhom, sa waqfien ta' xi prodotti, klijenti jew swieq, inkluż servizzi bankarji korrispondenti. Dan jista' joħloq konsegwenzi mhux intenzjonati għall-forniment ta' servizzi finanzjarji u għall-finanzjament tal-ekonomija. Is-soluzzjonijiet teknoloġiċi, li jistgħu jgħinu biex titjeb id-detezzjoni ta' tranżazzjonijiet u attivitajiet suspettużi, iridu jkunu konformi mal-istandards internazzjonali u tal-UE dwar l-AML/CFT u jikkonformaw ma' regoli oħra tal-UE, inkluż dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-antitrust.

Peress li r-regoli AML/CFT tal-Unjoni ma għandhomx l-intenzjoni li jiċċdu l-aċċess għal servizzi finanzjarji leġittimi, hija meħtieġa aktar ċarezza dwar kif ir-regoli AML/CFT jorbtu ma' leġiżlazzjoni oħra fis-settur finanzjarju<sup>23</sup>. Jenħtieġ li tingħata konsiderazzjoni dwar jekk u f'liema ċirkostanzi l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu jistgħu jwasslu għal dikjarazzjoni ta' falliment jew probabbiltà ta' falliment u potenzjalment jiskattaw ir-riżoluzzjoni ta' bank skont id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni<sup>24</sup> jew l-istralċ skont il-proċedimenti ta' insolvenza normali u l-ħtieġa li jiġu rimborżati d-depożitanti. Id-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti<sup>25</sup> tista' tibbenefika minn dispożizzjonijiet aktar ċari sabiex tkompli tnaqqas ir-riskju li d-depożitanti ssuspettati b'attivitajiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu (ML/TF) jiġu rimborżati b'pagament minn skema ta' garanzija tad-depożiti (SGD), filwaqt li tiċċara wkoll ir-rwoli tal-SGD u ta' awtoritajiet AML/CFT rilevanti oħra. Jistħoqq li tingħata aktar konsiderazzjoni ukoll għal kif għandu jiġi rrikonċiljat l-obbligu fid-Direttiva dwar il-Kontijiet<sup>26</sup> ta' Pagament biex jiġi pprovdut kont bażiku lil kwalunkwe klient mal-obbligu ta' AML/CFT li tiġi tterminata r-relazzjoni tan-negozju jekk l-entitajiet marbutin b'obbligu jkollhom suspetti dwar il-klijent jew jekk ma jkunux jistgħu jiksbu informazzjoni aġġornata dwar il-klijent. Fl-aħħar nett, se jkun hemm bżonn ta' rieżami biex jiġi vvalutat jekk il-kategoriji ta' fornituri ta' servizzi ta' pagament li bħalissa huma koperti mil-leġiżlazzjoni AML/CFT humiex adegwati.

<sup>23</sup> Ara wkoll it-tħabbira fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni se tressaq qafas leġiżlattiv dwar il-kriptoassi.

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190–348

<sup>25</sup> Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149-178

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 257, 28.8.2014, p. 214-246

L-oqfsa tas-servizzi finanzjarji jistgħu jiġu żviluppati aktar biex jiġi żgurat li s-superviżuri prudenzjali jkollhom obbligi konkreti biex jaqsmu l-informazzjoni mal-kontropartijiet AML/CFT tagħhom. It-testijiet ta' kompetenza u idoneità meħtieġa fil-leġiżlazzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji għandhom japplikaw kundizzjonijiet ta' AML/CFT aktar stretti.

L-entitajiet marbutin b'obbligu, meta jaċċessaw informazzjoni rilevanti għat-twettiq tad-diliġenza dovuta mal-klijent, u l-awtoritajiet pubbliċi li jiskambjaw informazzjoni bejniethom, inkluż barra mill-UE, iridu jikkonformaw bis-sħiħ mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Pereżempju, l-għoti ta' aċċess lil entitajiet obbligati b'aċċess għal ċerti reġistri pubbliċi jista' jqajjem tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data*. Id-diffikultà biex tiġi żgurata l-konformità mal-protezzjoni tad-*data* u l-kunfidenzjalità kienet imsemmija wkoll fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati kif xieraq.

Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti leġiżlattivi fil-Q1 2021 biex tippreżenta ġabra unika ta' regoli fil-qasam AML/CFT, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata.

#### ***IV. TWETTIQ TA' SUPERVIŻJONI AML/CFT FIL-LIVELL TAL-UE***

Is-superviżjoni tinsab fil-qalba ta' qafas effettiv AML/CFT. L-importanza ta' superviżjoni adegwata ġiet ikkonfermata fil-pakkett AML ta' Lulju 2019, fejn l-analiżi ta' diversi każijiet ta' ħasil tal-flus żvelat nuqqasijiet sinifikanti fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-sorveljanza tagħhom kemm minn AML/CFT kif ukoll minn superviżuri prudenzjali. Fl-istess ħin, każijiet reċenti ta' ħasil ta' flus li rriżultaw fid-deher minn stabbilimenti tal-midja investigattivi jindikaw ukoll superviżjoni difettuża ta' entitajiet mhux finanzjarji.

Dawn il-kwistjonijiet impressjonanti huma r-riżultat kemm tat-tfassil tal-qafas superviżorju kif ukoll tal-implimentazzjoni tiegħu. Is-superviżjoni AML/CFT fi ħdan l-UE bħalissa hija bbażata fuq l-Istati Membri. Il-kwalità u l-effettività tagħha mhumiex uniformi madwar l-UE, minħabba varjazzjonijiet sinifikanti fir-riżorsi umani u finanzjarji, ħiliet u prijorità ddedikati għal dan il-kompitu. L-Unjoni ma għandhiex fis-seħħ arranġamenti effettivi biżżejjed biex tittratta inċidenti AML/CFT li jinvolvu aspetti transfruntiera. Il-qafas AML/CFT tal-UE huwa b'saħħtu biss daqs l-aktar ħolqa dgħajfa tiegħu, u n-nuqqasijiet f'awtorità kompetenti nazzjonali waħda jgħolqu riskji għas-Suq Uniku kollu. L-UE kollha kemm hi ġġarrab ħsara finanzjarja, ekonomika u għar-reputazzjoni bħala konsegwenza.

L-UE mhijiex f'pożizzjoni li tistenna li jinħolqu aktar kwistjonijiet qabel tibni sistema superviżorja AML/CFT effettiva li tikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku u tal-Unjoni Bankarja. Superviżjoni ta' kwalità għolja AML/CFT fl-UE kollha hija essenzjali biex terġa' tinkiseb il-fiduċja fost iċ-ċittadini tagħha u l-komunità internazzjonali usa'.

Hemm hteġa ċara u evidenti li jkun hemm fis-seħħ sistema superviżorja integrata ta' AML/CFT fil-livell tal-UE li tiżgura applikazzjoni konsistenti u ta' kwalità għolja tal-ġabra ta' regoli AML/CFT fl-UE kollha u li tippromwovi kooperazzjoni effiċjenti bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha. Filwaqt li s-setturi u l-kwistjonijiet involuti jistgħu jvarjaw ħafna, l-esperjenzi mill-istabbiliment u l-funzjonament tal-mekkaniżmi eżistenti fil-livell tal-UE fdati b'kompiti superviżorji ċentralizzati, bħall-Mekkaniżmu Superviżorju

Uniku, il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji, jistgħu jipprovdu tagħrif utli.

Il-ħolqien ta' sistema superviżorja AML/CFT fil-livell tal-UE li tintegra u tissupplimenta dawk nazzjonali se tindirizza l-frammentazzjoni superviżorja, tiżgura l-applikazzjoni armonizzata tar-regoli AML/CFT fl-UE u l-infurzar effettiv tagħhom, toffri appoġġ għal attivitajiet superviżorji fuq il-post u tiżgura fluss kostanti ta' informazzjoni rigward miżuri li jkunu għaddejnin u nuqqasijiet sinifikanti li jiġu identifikati. Is-superviżuri nazzjonali se jkomplu jkunu element vitali ta' din is-sistema u se jibqgħu responsabbli għall-biċċa l-kbira tas-superviżjoni ta' kuljum. L-istabbiliment tal-qalba ta' din is-sistema tal-UE huwa prijorità, u l-funzjonijiet, il-kompetenzi u l-interazzjoni tagħha ma' superviżuri nazzjonali għandhom ikunu definiti b'mod ċar fi proposta leġiżlattiva.

#### *Il-funzjonijiet tas-superviżur AML/CFT fil-livell tal-UE*

Is-superviżur AML/CFT fil-livell tal-UE se jeħtieġ li jiġi fdat b'setgħat ċari ħafna biex jissorvelja u jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali biex iwettqu kompiti relatati ma' AML/CFT differenti, u biex itejjeb il-koordinazzjoni ma' superviżuri minn barra l-UE. Proċess formalizzat għandu jiddefinixxi l-interazzjoni u s-setgħat rispettivi tas-superviżuri tal-UE u dawk nazzjonali.

Il-ħtieġa li tiġi żgurata superviżjoni ta' kwalità għolja f'każijiet transfruntiera u li jiġu evitati rabtiet dgħajfa fil-qafas superviżorju tal-UE jipprovdu raġunijiet konvinċenti għal korp tal-UE li għandu jiġi fdat b'kompiti superviżorji AML/CFT diretti fuq ċerti entitajiet marbutin b'obbligu li għalihom jista' jkollu responsabbiltà esklużiva jew konġunta. Dan jimplika l-kapaċità li jiġu riveduti l-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli interni kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tagħhom mill-entitajiet taħt superviżjoni, flimkien mar-reviżjoni tad-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet u l-klijenti. Is-superviżur tal-Unjoni jista' jiġi inkarigat, waħdu jew b'mod konġunt mas-superviżur nazzjonali, bit-tweqqif ta' superviżjoni ta' entitajiet marbutin b'obbligu definiti b'mod ċar jew ta' tipi ta' attivitajiet għal perjodu ta' żmien speċifiku, abbażi tal-grad ta' riskju maħluq. Is-superviżur tal-UE jgħib valur miżjud billi jissorvelja u jivvaluta r-riskji madwar l-UE. Abbażi tal-istabbiliment ta' korpi tal-UE attivi f'oqsma oħra, is-superviżjoni tal-UE tista' tiġi żgurata b'mekkaniżmu li jinkludi deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-UE u infurzati mill-uffiċċji tal-UE fl-Istati Membri.

Għażla oħra tista' tkun li jiġu kombinati setgħat superviżorji diretti għal xi tipi ta' entitajiet marbutin b'obbligu, li għandhom jitwettqu f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, b'setgħat ta' koordinazzjoni u ta' sorveljanza għal entitajiet oħra. Il-Kummissjoni se tipproponi mekkaniżmu ta' superviżjoni li jkun responsabbli għall-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u jikkonforma mal-ġurisprudenza eżistenti fir-rigward tas-setgħat li jistgħu jingħataw lill-aġenziji tal-Unjoni.

#### *L-ambitu tas-superviżjoni fil-livell tal-UE*

Ir-riskji ta' ħasil tal-flus iseħħu kemm ġewwa kif ukoll barra s-settur finanzjarju u jevolvu maż-żmien u minn Stat Membru għal ieħor. It-tweqqif ta' superviżjoni aktar effettiva jkun jeħtieġ il-mandat ta' superviżur AML/CFT tal-UE biex ikopri l-oqsma kollha ta' riskju mill-bidu nett, filwaqt li jirrikonoxxi n-natura serja tar-riskji li jiffaċċjaw is-setturi kollha. Dan jiżgura li s-superviżur tal-UE, mill-bidu nett, ikollu l-għodod kollha meħtieġa biex jarmonizza l-prattiki madwar l-UE u jiżgura superviżjoni ta' livell għoli fis-setturi kollha. Minħabba l-kumplessità tal-kompiti u l-għadd kbir ta' entitajiet obbligati fl-UE kollha, is-

superviżur AML/CFT jista' wkoll jiffassal b'mod inkrementali, li jippermettilu, hekk kif jikkonsolida u jagħti prova tal-effettività tiegħu, ikopri s-setturi kollha (finanzjarji u mhux finanzjarji) suġġetti għall-obbligi AML/CFT.

Bħala alternattiva, is-superviżur tal-UE jista' jkun responsabbli direttament mis-settur finanzjarju bħala parti minn sistema integrata b'superviżur nazzjonali u jkun responsabbli għas-superviżjoni indiretta tas-settur mhux finanzjarju. Is-superviżjoni indiretta tas-settur mhux finanzjarju tippermetti l-intervenzjoni tal-korp tal-UE, fejn meqjus meħtieġ, biex jiżgura superviżjoni ta' kwalità għolja tas-settur mhux finanzjarju madwar l-Unjoni.

Għażliet oħra, li jimplikaw ambitu aktar strett, ikunu jinvolvu superviżur tal-UE li jissorvelja l-istituzzjonijiet finanzjarji biss, li jirrappreżentaw l-akbar parti tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha. Iċ-ċentralizzazzjoni tas-superviżjoni f'dan is-settur tista' tinkiseb b'mod aktar faċli meta wieħed iqis li hija diġà regolata u ssorveljata fil-parti l-kbira tagħha. Madankollu, din l-għażla tħalli rabtiet dgħajfa fil-qafas superviżorju tal-UE u tonqos milli tiżgura sistema AML/CFT effettiva.

Fil-każijiet kollha, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni tal-AML/CFT, kif stabbilit kemm fid-dritt tal-Unjoni kif ukoll fl-istandards internazzjonali, jeħtieġ l-identifikazzjoni tal-fatturi ta' riskju ML/TF u l-allokazzjoni ta' riżorsi superviżorji abbażi tar-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju dedikata. Is-superviżjoni fil-livell tal-UE għandha tkun imfassla biex tqis ir-riskju u tkompli tiżviluppa l-kompetenza miksuba f'dan ir-rigward minn superviżuri nazzjonali.

Fl-aħħar nett, jista' jiġi esplorat ukoll jekk tali superviżur għandux jiġi fdat b'xi kompetenzi biex jimmonitorja u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' ffriżar tal-assi taħt miżuri restrittivi (sanzjonijiet) madwar l-Istati Membri. Filwaqt li l-kompiti u l-isfidi inkwistjoni jistgħu jvarjaw f'diversi dimensjonijiet bejn l-AML/CFT u l-miżuri restrittivi, hemm ukoll xi sfidi u sinerġiji komuni li ta' min jiġu vvalutati.

#### *Liema korp tal-UE?*

Il-kompitu li tiġi żgurata superviżjoni fil-livell tal-UE jista' jew jingħata lil aġenzija tal-UE eżistenti, jiġifieri l-EBA, jew lil korp ġdid li jinħoloq apposta.

Il-leġiżlazzjoni adottata reċentement tirrikjedi li l-EBA tmexxi, tikkoordina u tissorvelja l-isforzi biex jissaħħu l-miżuri AML/CFT madwar l-UE fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Li l-EBA tiġi fdata b'responsabbiltajiet superviżorji AML/CFT addizzjonali jkollha vantaġġi ċari f'termini tal-iżgurar tal-kontinwità u l-operazzjoni rapida. Madankollu, din l-għażla tkun teħtieġ ukoll riforma sinifikanti tal-ABE kif ukoll il-bini sinifikanti ta' għarfien u kompetenzi fl-AML/CFT. Il-proċessi ta' governanza u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha jeħtieġ li jiġu riveduti biex jiġi garantit li d-deċiżjonijiet superviżorji dejjem jittieħdu b'mod indipendenti, fl-interess uniku tal-UE. Barra minn hekk, jeħtieġ li ssaħħaħ il-kapaċità u s-setgħat investigattivi tagħha. Minħabba l-mandat u l-kapaċitajiet tiegħu, is-superviżjoni tal-entitajiet marbutin b'obbligu lil hinn mis-settur finanzjarju tista' tkun diffiċli biex tiġi organizzata fil-livell tal-EBA.

B'mod alternattiv, jista' jiġi stabbilit korp superviżorju AML ġdid dedikat tal-UE li jkun kompetenti biex jissorvelja entitajiet marbutin b'obbligu kemm fis-settur finanzjarju kif ukoll f'dak mhux finanzjarju. Dan jippermetti flessibilità massima biex titfassal sistema mfassla

apposta f'termini ta' organizzazzjoni u governanza, bi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet simplifikati u rapidi biex twieġeb għar-riskji malajr, kif ukoll sinerġiji mal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-UIFs (ara t-taqsimha li jmiss). Madankollu jista' jiehū aktar żmien qabel ma korp ġdid jista' jsir operattiv, l-ispejjeż jistgħu jkunu relattivament oġħla u r-riskji ta' eżekuzzjoni jkollhom jitqiesu. Skont il-kompiti li dan il-korp jirċievi, ir-riskju ta' duplikazzjoni bla bżonn u/jew inkonsistenzi mal-ħidma ta' awtoritajiet superviżorji oħra bħall-EBA għandhom jiġu evitati.

L-impatt baġitarju ta' kwalunkwe alternattiva jkun kunsiderazzjoni ewlenija. B'mod partikolari fil-kuntest ekonomiku attwali, jista' jsir każ b'saħħtu biex jiġi żgurat il-finanzjament tal-attivitajiet superviżorji permezz ta' kontribuzzjoni mill-entitajiet tas-settur privat taħt superviżjoni, kif diġà huwa l-każ għal diversi entitajiet tal-UE.

Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti biex twaqqaf superviżur AML/CFT fil-livell tal-UE fl-Q1 2021, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-għażliet rigward il-funzjonijiet, l-ambitu u l-istruttura tiegħu.
---

## **V. TWAQQIF TA' MEKKANIŻMU TA' APPOĠĠ U KOOPERAZZJONI GĦALL-UIFS**

Il-qafas attwali tal-UE jirrikjedi li l-entitajiet marbutin b'obbligu jirrapportaw it-tranżazzjonijiet suspettużi kollha lill-UIFs nazzjonali. Ir-rappurtar minn entitajiet obbligati u *data* li għandha x'taqsam flus kontanti pprovduta mill-awtoritajiet doganali jiffurmaw il-bażi li fuqha l-UIFs jipproduċu analiżi finanzjarja, li mbagħad jiġu trażmessi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, lis-superviżuri, lill-awtoritajiet tat-taxxa jew lil UIFs oħrajn. Dawn jintużaw, pereżempju, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'investigazzjonijiet kriminali. L-analiżi strateġika tax-xejriet u l-mudelli mill-UIFs twassal ukoll għal gwida u feedback lill-entitajiet marbutin b'obbligu biex tassisthom fl-identifikazzjoni ta' xejriet fil-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Ġew identifikati għadd ta' dgħufijiet fir-rigward ta' kif japplikaw ir-regoli u jikkooperaw bejniethom u ma' awtoritajiet oħra fil-livell domestiku u madwar l-UE.

Domestikament, l-użu ta' mudelli għar-rappurtar mill-entitajiet obbligati għadu limitat, u dawn ħafna drabi huma mfassla skont il-ħtiġijiet ta' negozji speċifiċi (eż. il-banek). Diversi UIFs għad għandhom nuqqas tal-għodod tal-IT meħtieġa biex jipproċessaw u janalizzaw l-informazzjoni b'mod effettiv.

L-UIFs huma obbligati jagħtu feedback lill-entitajiet marbutin b'obbligu b'rabta mar-rappurtar tagħhom. Madankollu, tali feedback jibqa' limitat. Il-feedback huwa kważi noneżistenti meta r-rapporti tal-entitajiet marbutin b'obbligu jikkonċernaw Stat Membru ieħor. Dan in-nuqqas ta' feedback iħalli lill-entitajiet marbutin b'obbligu mingħajr l-għodda meħtieġa biex jaġġustaw/jimmiraw il-miżuri ta' prevenzjoni tagħhom.

L-iskambju limitat ta' informazzjoni bejn l-UIFs u awtoritajiet kompetenti oħra huwa ta' tħassib kbir minħabba n-natura transfruntiera ta' ħafna ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Pereżempju, għalkemm l-awtoritajiet doganali fl-UE jipprovdu lill-UIF b'data li għandha x'taqsam il-flus kontanti fuq bażi regolari, huma rari ħafna jirċievu rispons mingħandhom, li huwa kruċjali għal analiżi tar-riskju aktar konkreta u effettiva.

L-isfidi fil-funzjonament u l-ospitar tal-FIU.net — is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni fost l-UIFs — tirrikjedi wkoll azzjoni minħabba li hija għodda antika tal-IT, li

teħtieġ aġġornament sostanzjali kemm tas-software u l-hardware tagħha kif ukoll l-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet suspettużi rrapportati lill-UIFs għandhom dimensjoni transfruntiera, iżda l-analiżi konġunta għadha limitata. Dan jirriżulta f'ħoloq nieqsa biex jiġu identifikati każijiet transfruntiera. Kapaċitajiet avvanzati biex tiġi analizzata informazzjoni bħal din f'kuntest transfruntier huma meħtieġa, speċjalment fid-dawl tal-kumplessità dejjem akbar ta' każijiet ta' ħasil tal-flus.

#### *Ir-rwol ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE*

Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE jista' jkun ta' rimedju għad-dgħufijiet ta' hawn fuq. Dan il-mekkaniżmu jieħu rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-ħidma tal-UIFs nazzjonali. Dan għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet suspettużi b'dimensjoni transfruntiera, l-analiżi konġunta ta' każijiet transfruntiera, l-identifikazzjoni ta' xejriet u fatturi rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fil-livell nazzjonali u supranazzjonali. Il-mekkaniżmu għandu wkoll jadotta jew jipproponi miżuri jew standards ta' implimentazzjoni kif mitlub mid-dispożizzjonijiet aktar armonizzati tal-ġabra ta' regoli dwar l-obbligi ta' rappurtar tal-UIFs u l-karatteristiċi tal-UIFs, l-attivitajiet, il-kooperazzjoni, il-mudelli, kif ukoll jippromwovi t-taħriġ u l-bini ta' kapaċità għall-UIFs. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE għandu jtejjeb ukoll il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti (UIFs, superviżuri, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tad-dwana u tat-taxxa), kemm domestikament kif ukoll lil hinn mill-fruntieri, u b'UIFs minn barra l-UE.

Ikun hemm mertu fil-bini ta' kapaċità aktar ċentrali, ibbażata fuq għodod tal-IT, li jidentifikaw tranżazzjonijiet suspettużi transfruntiera u jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tax-xejriet.

Is-sostenibbiltà tal-FIU.net, li bħalissa hija ġestita mill-Europol, hija wkoll importanti f'dan il-kontest. Hemm ħtieġa urġenti li jsir investiment fl-iżvilupp tagħha biex jingħelbu l-problemi attwali li jfixxlu l-iskambju ta' informazzjoni u t-tqabbil tad-*data*. Minħabba t-trasferiment ippjanat tal-amministrazzjoni teknika tas-sistema mill-Europol, għandha tiġi identifikata soluzzjoni xierqa u finanzjarjament vijabbli. Fuq medda qasira ta' żmien, il-Kummissjoni se tiegħu f'idejha l-ġestjoni tal-FIU.net sabiex tiżgura l-funzjonament kontinwu u bla waqfien tas-sistema<sup>27</sup>. Fuq perjodu ta' żmien itwal, il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tal-UE jista' jingħata l-kompitu li jospita l-FIU.net jew is-suċċessur tiegħu. Jistgħu jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet xierqa oħra

#### *L-entità responsabbli għal mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE*

Il-kompitu li jiġi pprovdut mekkaniżmu ta' appoġġ u koordinazzjoni għall-UIFs jiddependi mir-rwol li huwa previst għal dan il-mekkaniżmu.

F'konformità mal-obbettiv li jkun hemm rwol wiesa' għal dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ li għandu l-għan li jindirizza l-elementi kollha analizzati hawn fuq, il-ġestjoni tiegħu tista' tiġi żgurata minn aġenzija eżistenti tal-UE jew minn korp dedikat

---

<sup>27</sup> B'rispett xieraq għan-natura tal-informazzjoni kkonċernata

ġdid. F'każ li jinħoloq korp ġdid tal-UE għall-kwistjonijiet superviżorji, dan jista' jingħata l-kompitu tal-amministrazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu wkoll. Għal dan il-għan, ta' min jinnota li t-nax-il UIFs fl-UE bħalissa għandhom kompiti superviżorji għas-settur mhux finanzjarju bħala minimu, filwaqt li xi wħud minnhom għandhom kompiti superviżorji għas-setturi kollha.

Rwol aktar limitat għall-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ jindirizza wħud min-nuqqasijiet identifikati, iżda ma jirriżultax f'mekkaniżmu effettiv ta' koordinazzjoni u appoġġ fil-livell tal-UE. Jistgħu jiġu previsti diversi għażliet taħt tali ċirkostanzi. Pereżempju, jekk il-kompiti jkunu limitati għall-ħruġ ta' abbozz ta' standards regolatorji u linji gwida, dan jista' jinkiseb billi l-Pjattaforma tal-FIU, attwalment kumitat informali tal-Kummissjoni, tinbidel f'kumitat tal-komitoloġija u jitħalla f'idejn il-Kummissjoni li tadotta r-riżultati tal-ħidma tagħha permezz ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Network formali ta' UIFs b'mandat u b'kompiti tagħha stess tista' tkun alternattiva.

Tkun xi tkun il-forma ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ, il-governanza u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu għandhom ikunu indipendenti biżżejjed, filwaqt li jaħdmu bħala network ta' UIFs nazzjonali b'ċentru tal-UE.

Il-Kummissjoni se tippreżenta proposti biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tal-UE għall-UIFs fl-Q1 2021, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-għażliet rigward ir-rwol u l-istruttura tagħha. Il-Kummissjoni se tieħu f'idejha l-ġestjoni tal-FIU.net fil-Q4 2020.

## **VI. TISĦIĦ TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAD-DRITT KRIMINALI U SKAMBJU TAL-IFORMAZZJONI FIL-LIVELL TAL-UNJONI**

Bosta strumenti leġiżlattivi u arranġamenti istituzzjonali jiffaċilitaw l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali u l-iskambju ta' informazzjoni fil-livell tal-UE.

Il-miżuri reċenti għalqu l-lakuni fid-definizzjoni u s-sanzjonar tal-ħasil tal-flus madwar l-UE u ffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija<sup>28</sup>. Il-Kummissjoni se ssegwi t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom. L-użu ta' informazzjoni finanzjarja għal reati serji ġie mtejjeb ukoll billi l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jingħataw aċċess dirett għall-mekkaniżmu tal-kontijiet tal-bank ċentrali, filwaqt li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-UIFs u l-Europol għal tali reati serji<sup>29</sup>. Dawn il-miżuri se jħaffu l-investigazzjonijiet kriminali u jippermettu lill-awtoritajiet jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera b'mod aktar effettiv. Interkonnessjoni fl-UE kollha ta' mekkaniżmi ta' kontijiet tal-bank ċentrali se tħaffef l-aċċess għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-UIFs għall-informazzjoni finanzjarja u tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera, u fi kwalunkwe każ għandha tinkludi wkoll l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Tali interkonnessjoni għandha titqies bħala kwistjoni ta' prijorità.

Ġew stabbiliti standards kruċjali għall-irkupru ta' rikavat kriminali<sup>30</sup>. Il-Kummissjoni se tippubblica rapport fl-2020 biex tagħti ħarsa ġenerali dwar kif dawn ir-regoli jiġu

<sup>28</sup> Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna

<sup>29</sup> Ara n-nota 8 f'qiegħ il-paġna

<sup>30</sup> Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39–50.

implimentati u biex tippreżenta modi biex ittejjeb ir-rwol tal-uffiċċji tal-irkupru tal-assi. Miżuri ġodda li se japplikaw minn Diċembru 2020<sup>31</sup> se jiffaċilitaw l-irkupru transfruntier tal-assi u l-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali madwar l-UE isiru aktar malajr u aktar sempliċi.

Fl-istess ħin, huwa wkoll kritiku li tinbena kapacià fil-livell tal-UE biex tiġi investigata u ssir prosekuzzjoni tal-kriminalità finanzjarja.

L-Europol żied l-isforzi tiegħu sabiex jindirizza l-kriminalità ekonomika u finanzjarja maċ-Ċentru Ewropew il-ġdid tad-Delitti Ekonomiċi u Finanzjarji (EFECC), li għandu jibda jopera matul l-2020. L-EFECC se jikkonċentra l-kapaċitajiet kollha ta' intelligence finanzjarja u kriminalità ekonomika f'entità waħda fi ħdan l-Europol u se jagħmel ħiltu biex isaħħaħ l-effettività operattiva, iżid il-viżibbiltà operattiva, u jtejjeb il-ġestjoni tal-partijiet interessati u l-opportunitajiet ta' finanzjament. Il-Kummissjoni tappoġġja bis-sħiħ l-istabbiliment tal-EFECC u tqis li jissottolinja l-importanza tal-investigazzjoni finanzjarja fl-oqsma kollha tal-kriminalità li għalihom għandha kompetenza l-Europol.

Il-Kummissjoni tqis li l-EFECC ikun kontroparti naturali għall-mekkaniżmu ta' appoġġ u koordinazzjoni tal-UE għall-UIFs u li ż-żewġ entitajiet jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jagħtu spinta lill-iskambji ta' informazzjoni, b'mod partikolari f'każijiet transfruntiera.

Biex titjieb l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ħasil tal-flus madwar l-UE, il-Kummissjoni tiffinanzja<sup>32</sup> n-Netwerk Operazzjonali Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMON), li jgħaqqad l-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi. In-netwerk jiffaċilita l-investigazzjonijiet finanzjarji transfruntiera u għandu sensibilizzazzjoni globali. Il-ħidma tiegħu għandha tissaħħaħ u tiġi promossa u n-netwerk għandu jkun mgħammar b'baġit operattiv biex jappoġġja każijiet konkreti. L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jingħaqdu miegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikomplu jużaw l-appoġġ tal-Eurojust biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera b'appoġġ għall-prosekuzzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus. Fl-aħħar nett, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li għandu jibda jaħdem fi tmiem l-2020, se jkun kompetenti biex jinvestiga u jħarrek reati ta' ħasil tal-flus marbuta ma' reati kontra l-baġit tal-UE.

Għad fadal skop biex jissaħħaħ u jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti kollha (UIFs, superviżuri, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tad-dwana u tat-taxxa), kemm domestikament kif ukoll b'mod transfruntier.

Fil-kuntest ta' użu aħjar tal-intelligence finanzjarja, ir-rwol tas-sħubiji pubbliċi-privati (SPPs) għandu jiġi mħeġġeġ sa fejn ikun possibbli, peress li f'xi każijiet in-natura tal-informazzjoni tista' tillimita tali kondiviżjoni tagħha u għandha tikkonforma mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*. SPPs jinvolvu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-UIFs u s-settur privat. Dawn jistgħu jieħdu diversi forum. Uħud huma limitati għal skambji ta' informazzjoni dwar it-tipoloġiji u x-xejriet mill-UIFs u l-infurzar tal-liġi lill-entitajiet marbutin b'obbligu. Oħrajn jikkonsistu fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni operazzjonali dwar persuni suspettati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi lil entitajiet obbligati għall-finijiet ta' monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet ta' dawn il-persuni suspettati. Kwalunkwe kondiviżjoni ta' informazzjoni li tinkludi *data* personali trid tkun konformi bis-

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1805 dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska, OJ L 303, 28.11.2018, p.1-38

<sup>32</sup> Fondi ISF-Pulizija.

sħiħ mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* u tirrispetta l-mandati tal-awtoritajiet involuti.

Il-qafas AML/CFT tal-UE attwali diġà jirrikjedi li l-UIFs jikkondividu tipoloġiji u xejriet mas-settur privat. Dan l-obbligu jista' jiġi ċċarat u msaħħaħ, bħala parti mill-faċilitazzjoni ta' xi tipi ta' SPPs u billi tittiejeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Fl-istess ħin, minħabba d-differenzi fl-oqfsa legali u l-arranġamenti prattiċi fl-Istati Membri, il-Kummissjoni tqis li huwa essenzjali li jkun hemm gwida u li jiġu kondiviżi prattiki tajba għall-SPPs b'rabta, b'mod partikolari, mar-regoli dwar l-antitrust, is-salvagwardji u l-limitazzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data* u l-garanziji fuq id-drittijiet fundamentali.

Il-Kummissjoni se toħroġ gwida dwar l-SPPs sal-Q1 2021. Fir-rigward tal-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* tal-SPPs, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-possibilità li titlob lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* biex joħroġ opinjoni. Se jiġu kkunsidrati għażliet biex jissaħħaħ in-netwerk AMON u biex jissaħħaħ l-iskambju domestiku u transfruntier ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti kollha.

## ***VII. TISĦIĦ TAD-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI TAL-QAFAS EŻISTENTI TAL-UE FIL-QASAM TAL-AML/CFT***

Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma theddid globali, li l-UE hija determinata li tiġġieled f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali tagħha. Bħala dak li jstabilixxi l-istandards globali, l-FATF mexxa l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu globalment. Il-Kummissjoni tikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tal-FATF u tibqa' impenjata li timplimenta l-istandards tal-FATF u li tippromwovi l-konformità globali. Madankollu, l-approċċ ġdid u komprensiv għall-AML/CFT li teħtieġ l-UE jirrikjedi rwol aktar b'saħħtu biex l-UE tistabilixxi tali standards internazzjonali.

Il-Kummissjoni approvat, f'isem l-UE, il-mandat il-ġdid tal-FATF<sup>33</sup> u biħsiebha jkollha rwol prominenti fit-tisħiħ tal-istandards globali u biex tgħollihom għal-livell tal-istandards tal-UE stess f'oqsma ewlenin. Eżempju ta' dan huwa t-trasparenza tas-sjieda benefiċjarja, fejn l-UE ħadet approċċ ambizzjuż biex tindirizza r-riskji ppreżentati minn strutturi opaki. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tappoġġa b'mod attiv l-isforzi biex jiġu indirizzati riskji ġodda u emerġenti fil-livell globali. Biex tirnexxi, huwa essenzjali li l-UE titkellem b'vuċi waħda fl-FATF. Dan jista' jinkiseb billi l-Kummissjoni tingħata l-kompitu li tirrappreżenta lill-Unjoni Ewropea fl-FATF, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Bħala l-ewwel pass, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni mtejjeb fost il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex ikun hemm rappreżentanti tal-UE li jesprimu pożizzjonijiet koordinati fl-FATF.

L-evalwazzjonijiet reċiproċi mmexxija mill-FATF jgħinu biex iżidu l-konformità globali mal-istandards internazzjonali, peress li l-persjoni mill-pari tibqa' xprun ewlieni għall-bidla. S'issa, l-evalwazzjonijiet tal-oqfsa AML/CFT tal-Istati Membri tal-UE naqsu milli jqisu n-natura supranazzjonali tar-regoli tal-UE b'mod adegwat. Din il-kwistjoni se ssir aktar sinifikanti jekk jiġu introdotti strutturi ġodda, bħas-superviżjoni AML/CFT fil-livell tal-UE u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ tal-UIFs. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li meta l-istandards jiġu implimentati fil-livell tal-UE, dawn jiġu vvalutati b'mod komuni.

<sup>33</sup> Approvata mill-Ministri u mir-Rappreżentanti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja fit-12 ta' April 2019

F'dan il-kuntest, jista' jiġi kkunsidrat ukoll jekk hemmx regoli tal-UE vvalutati mill-FATF fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni teħtieġ ukoll li tkompli timplimenta politika awtonoma lejn pajjiżi terzi biex tipproteġi s-sistema finanzjarja tal-UE. L-entitajiet marbutin b'obbligu jeħtieġ li jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni bbażati fuq fatturi ta' riskju ġeografiċi u fatturi oħra ta' riskju rilevanti. Huma meħtieġa wkoll li japplikaw viġilanza msaħħa fil-każ ta' tranżazzjonijiet jew relazzjonijiet ta' negozju li jinvolvu pajjiżi b'nuqqasijiet strateġiċi fl-oqfsa AML/CFT tagħhom. Skont il-5AMLD, il-Kummissjoni hija meħtieġa tibni kapaċità awtonoma biex tidentifika pajjiżi li jippreżentaw dawn in-nuqqasijiet strateġiċi<sup>34</sup>.

Il-Kummissjoni se tidentifika pajjiżi li huma ta' theddida speċifika għas-sistema finanzjarja tal-Unjoni billi tuża metodoloġija awtonoma li tiegħu kont tas-sinerġija mal-proċess ta' elenkar tal-FATF, dialogu msaħħa ma' pajjiżi terzi li jitwettaq f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), u konsultazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri. Abbażi tal-metodoloġija riveduta<sup>35</sup>, li hija ppubblikata fl-istess żmien ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, dan il-proċess jinvolvi lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mas-SEAE, li taħdem ma' pajjiżi terzi fejn jiġu identifikati nuqqasijiet fuq bażi preliminari, bil-ħsieb li jiġi żviluppat, fejn possibbli, pjan ta' azzjoni biex jiġi indirizzat dak it-tħassib. Wara perjodu ta' osservazzjoni, il-Kummissjoni se tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji sabiex tikkonkludi l-valutazzjonijiet tagħha.

Il-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir tipprovdi għodda ewlenija għall-entitajiet marbutin b'obbligu u l-awtoritajiet pubbliċi, iżda jista' jkollha wkoll effetti barra mill-qafas AML/CFT. Il-Kummissjoni hija impenjata li tissorvelja jekk tali elenkar jaffettwax id-deċiżjonijiet dwar l-ekwivalenza<sup>36</sup> u biex jiżgura li jiġu applikati salvagwardji adegwati fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju<sup>37</sup>.

L-esperjenza miksuba mill-proċess tal-elenkar tal-UE u t-twaqqif ta' funzjonijiet AML/CFT ġodda fil-livell tal-UE jistgħu jwasslu għal rieżami tal-approċċ lejn ir-riskji minn pajjiżi terzi. Bħala Membru tal-FATF, il-Kummissjoni għandha tkompli tikkunsidra s-sejħa għal azzjonijiet tal-FATF biex tindirizza r-riskji ppreżentati minn pajjiżi terzi — u żżomm il-kapaċità li tapplika wkoll miżuri xierqa indipendentement minn kwalunkwe sejħa ta' l-FATF kif meħtieġ skont l-istandards internazzjonali. F'dak il-kuntest, superviżur fil-livell tal-UE jista' jikkontribwixxi wkoll biex jittaffew ir-riskji minn pajjiżi terzi billi jiġu żviluppati miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskji għall-entitajiet obbligati skont it-tip u s-severità tan-nuqqasijiet. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' miżuri aktar granulari u bbażati fuq ir-riskju biex jiġu indirizzati r-riskji ppreżentati mill-qafas AML/CFT ta' ġurisdizzjonijiet oħra. Tali proċess jista' jiġi kkomplementat ukoll b'approċċ ibbażat fuq it-tranżazzjonijiet, peress li l-ebda ġurisdizzjoni ma hija immuni għar-riskji emerġenti ta' ML/TF. Bl-istess mod, funzjoni ta' koordinazzjoni u appoġġ għall-UIFs tista' tipprovdi kontribut siewi biex jiġu identifikati xejriet ġodda u riskji ppreżentati minn pajjiżi terzi — kif ukoll kwistjonijiet possibbli fil-kooperazzjoni internazzjonali.

<sup>34</sup> Ara <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02016R1675-20181022>

<sup>35</sup> SWD(2020)99

<sup>36</sup> Ara COM(2019) 349 final tad-29.07.2019

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1–222

Bħala parti minn dan is-sett ta' miżuri għall-ġestjoni tar-riskji esterni, il-Kummissjoni qed tiżviluppa faċilità teknika<sup>38</sup> biex tipprovdi assistenza teknika lil pajjiżi terzi biex iżżid il-kapaċità tagħhom u tindirizza d-dgħufijiet fl-oqfsa domestiċi AML/CFT tagħhom. Bħala wieħed mid-donaturi internazzjonali ewlenin f'dan il-qasam u abbażi tan-netwerk diplomatiku estensiv tagħha, l-UE tuża din il-kapaċità sabiex issaħħaħ l-ostakoli kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu madwar id-dinja. Il-politika kummerċjali tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' salvagwardji adegwati fir-rigward ta' investimenti<sup>39</sup> u flussi ta' kummerċ. Il-Kummissjoni se tfittex impenji mis-sħab kummerċjali tal-UE biex timplimenta miżuri tal-AML/CFT u se żżomm l-ispazju regolatorju biex taġixxi f'każ ta' riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li qed jiffaċċjaw is-sistema finanzjarja tal-UE.

Metodoloġija ġdida dwar il-valutazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju kbir hija ppubblikata flimkien ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri u se żżid l-involviment tagħha fl-FATF sabiex l-UE tkun tista' twettaq rwol aktar b'saħħtu globalment.

### VIII. *IT-TRIQ 'IL QUDDIEM: PJAN DIREZZJONALI*

Kif spjegat fid-dettall f'dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni se tipproponi diversi miżuri biex ittejjeb il-qafas AML/CFT. Se titħejja valutazzjoni tal-impatt, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali u speċjalment id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, biex jiġu vvalutati l-għażliet differenti f'termini ta' bidliet leġiżlattivi:

<b>Azzjoni</b>	<b>Mezzi</b>	<b>Kronoloġija</b>
Implimentazzjoni effettiva tal-qafas eżistenti AML/CFT tal-UE	<p>Proċedimenti ta' ksur / legali</p> <p>Studju dwar l-applikazzjoni tal-4AMLD</p> <p>It-tielet Valutazzjoni tar-Riskju Supranazzjonali</p> <p>Ħidma fuq l-interkonnessjoni tar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja</p> <p>Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż/ Semestru Ewropew</p> <p>Ħidma attwali tal-EBA</p>	Miżuri kollha għaddejjin
Tisħiħ u żvilupp tal-ktieb ta' regoli uniku AML/CFT tal-UE	<p>Proposta leġiżlattiva:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- identifikazzjoni ta' oqsma li għandhom jinbidlu f'Regolament flimkien ma' Direttiva emendata</li> <li>- l-istabbiliment ta' oqsma ġodda li għandhom jiġu regolati fil-livell tal-</li> </ul>	Q1 2021

<sup>38</sup> Il-Faċilità Globali tal-UE dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu

<sup>39</sup> Ara r-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, ĠU L 79, 21.3.2019, p. 1–14

	<p>UE</p> <p>- identifikazzjoni ta' emendi meħtieġa fir-rigward ta' leġislazzjoni eżistenti oħra</p>	
Twettiq ta' superviżjoni AML/CFT fil-livell tal-UE	Proposta leġislattiva	Q1 2021
L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' appoġġ u koordinazzjoni għall-UIFs	<p>Proposta leġislattiva</p> <p>It-trasferiment tal-ġestjoni teknika tal-FIU.net lill-Kummissjoni</p>	<p>Q1 2021</p> <p>Q4 2020</p>
Infurzar tal-liġi kriminali u kondivizzjoni ta' informazzjoni	<p>L-istabbiliment tal-EFECC</p> <p>Gwida dwar l-SPPs u opinjoni possibbli mill-BEPD dwar l-aspetti ta' protezzjoni tad-<i>data</i></p> <p>Monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar il-liġi kriminali u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi</p> <p>Għażliet biex jittejjeb l-iskambju domestiku u transfruntier ta' informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti kollha</p>	<p>Q2 2020</p> <p>Q1 2021</p>
Tishiġ tad-dimensjoni internazzjonali	<p>Metodoloġija rfinata tal-Kummissjoni għall-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi b'riskju għoli</p> <p>Atti Delegati</p>	<p>Q1 2020</p> <p>Kif xieraq (ippjanar tentattiv għall-2020: Q2, Q3 u Q4)</p>

Il-Kummissjoni tilqa' l-fehmiet tal-partijiet interessati dwar it-triq' il quddiem stabbilita f'dan il-Pjan ta' Azzjoni u tistieden kontributi mid-29 ta' Ġunju 2020 billi twieġeb għall-kwestjonarju disponibbli dwar Semma' Leġneq.